MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 147/2012

**Appell Nru: 147/2012**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Anthony Cachia]**
**Vs**
**Emanuel Bartolo**

Illum 4 ta’ Lulju, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Emanuel Bartolo [detentur tal-karta tal-identita` numru 50160M], quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Talli bejn it- 18 ta’ Dicembru 2010 u l- 14 ta’ Jannar 2011 gewwa Haz- Zebbug (Malta), b’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, w li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

Nhar it- 18 ta’ Dicembru 2010 ghall- habta tal- 11.20am gewwa De Rohan Pharmacy fi Triq Sant’ Antin Zebbug;

1) ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, u bil- valur, li ma jeccedix l-

€2,329.37, u li sar ghad- detriment ta’ Mary Ann Delicata u/ jew ta’ persuni u/jew entitajiet ohra;
2) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- k azijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Ann Delicata u Carmela Borg kontra l- volonta’ taghhom;
3) filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l- persuna ejw delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Nhar il- 31 ta’ Dicembru 2010, ghall- habta tal- 4.55pm gewwa Santa Marija Pharmacy, fi Triq l- Ghasfura, Zebbug;

4) ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz li sar ghad- detriment ta’ Mary-Anne Bonanno u/jew ta’ persuni u/jew entitajiet ohra;
5) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Ann Bonanno u Elena Bonanno kontra l- volonta’ taghhom;
6) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Nhar il- 5 ta’ Jannar 2011 ghall- habta tal- 5.10pm gewwa l- hanut The Crops Seller Green Grocer fi Triq il- Kbira, Zebbug;

7) ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz li sar ghad- detriment ta’ Sabrina Scicluna u/jew ta’ persuni u/jew entitajiet ohra;
8) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sabrina Scicluna kontra l- volonta’ taghha;
9) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari,

imitazzjoni ta' arma tan- nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Nhar it- 8 ta' Jannar 2011 ghall- habta tas- 6.45pm gewwa l- hanut Intimate Underwear Shope, fi Triq Monsignor S. Milanesi, Zebbug;

10) ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz u bil- valur li ma jeccedix l- €2329.37 li sar ghad- detriment ta' Amanda Coleiro u/jew ta' persuni u/jew entitajiet ohra;
11) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Amanda Coleiro kontra l- volonta' taghha;
12) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan- nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Nhar l- 14 ta' Jannar 2011 ghall- habta tal- 5.30pm gewwa l- hanut Patrizio's Hair Saloon, fi Triq il- Grazzja, Zebbug;

13) ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz u li sar ghad- detriment ta' Patrizio Parascandolo u/jew ta' persuni u/jew entitajiet ohra;
14) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Patrizio Parascandolo u Karen Delmar kontra l- volonta' taghhom;
15) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan- nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
16) talli fl- istess data w cirkostanzi minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha ta' persuna ohra u cioe kkaguna feriti ta' natura hafia fuq il- persuna ta' Patrizio Parascandolo hekk kif iccerifika t- tabib tal- Health

Centre tal- Floriana Dr. Robert Patiniott MD Reg. no. 1860;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu, 2012 fejn Wara li rat l-Artikoli 261(a),(b)u (c), 262 (1)(a) u (b), 263(b), 267, 275, 277(b), 86, 87(1)(e), , 270, 274(c), 214, 215 u 221 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l- artikolu 55(a) tal- Kap 480 tal- Ligijiet ta' Malta; Fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u ikkundannatu terminu ta' prigunerija ta' erba' (4) snin. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Bartolo pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjubha kontra tieghu, izda timmodifikaha inkwantu l-piena inflitta ta' erba' snin prigunerija tigi mibdula f'piena alternattiva u mhux wahda ristrettiva tal-liberta' ta' l-appellant.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravji tal-appellant u jikkonsistu fis-segwenti:
1. Illi l-aggravju jirrigwarda l-piena inflitta. Quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti d-difiza ghamlet talba lill-Qorti ghall-klemenza fil-piena. Id-difiza ghamlet riferenza wkoll ghall-Artikolu 40(b)(ii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-piena ghandha titnaqqas b'terz fil-kaz ta' persuni torox-muti li jwettqu reat b'hazen kif jidher mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Kif tajjeb sostiniet fis-sentenza taghha l-Ewwel Onroabbli Qorti '*Il-fedina penali tal-imputat kienet wahda ghal kollox netta, u kien hemm kooperazzjoni shiha tal-imputat mil-bidu tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Xiehda ta' dan hija l-istqarrija tieghu rilaxxjata minnu ftit wara li gie arrestat. Ghalhekk, l-imputat kien jisthoqqlu li l-Qorti tkun klementi mieghu, u ma tinfliggix piena ta' prigunerija effettiva'.* Id-difiza, en passant, fit-trattazzjoni finali taghhha talbet lill-Ewwel Onorabbli Qorti tikkunsidra l-piena ta' sentenza sospiza minflok wahda ta' habs effettiv. Din kienet ukoll ir-

rakomandazzjoni tal-Probation Officer Gordon Grech fil-pre-sentencing report tieghu li gie mahluf u ezebit fl-atti processwali. Wara li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkalkulat il-piena fit-toltal taghha minghajr t-trnaqqis provdut ai termini ta' l-Artikolu 41 (b)(ii) dwar reati kommessi minn persuna trux u mutu bil-hazen, wasslet ghall-konkluzjoni li l-piena minima li setghet tinfliggi kienet ta' sitt snin. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 41(b)(ii) u cioe tnaqqis fil-piena b'terz l-Ewwel Onorabbli Qorti ghalhekk irriduciet il-piena ghal-wahda ta' erba snin. Ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta sostniet li din il-piena ma taqax fil-parametri tal-ligi sabiex wiehed jinghata piena ta' sentenza sospiza xorta wahda l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet tapplika piena alternattiva ghal prigunerija effettiva u cioe' fic-cirkostanzi setghet tapplika l-artikolu 7 tal-Kap 446 u b'hekk tqieghdu taht ordni ta' probation fil-massimu taghha skond il-ligi. Hawnhekk jigi sottomess illi din taqa' fil-parametri tal-Ligi tal-piena kif kalkolata kif gie spjegat hawn fuq. Din il-piena kienet tkun wahda aqktar idonea fic-cirkostanzi tal-kaz stante li hareg b'mod car li jkun aktar ta' gid ghall-appellant li jkun taht direzzjoni ta' Ufficjal tal-Probation. Jigi umilement sottomess li l-piena ta' prigunerija effettiva inflitta fuq l-appellant aktar hemm cans li tkun ta' dannu milli ta' gid u tista' twassal ghall-problemi aghar b'mod irriversibbli f'hajjet l-appelant.

Ikkunsidrat:

L-appellant giet mixli illi bejn it-tmintax (18) ta' Dicembru tal-elfejn u ghaxra (2010) u l-erbatax (14) ta' Jannar tal-elfejn u hdax (2011) gewwa Haz-Zebbug ikkommetta diversi reati ta' serq, attentat ta' serq u sekwestri ta' persuna. Meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti dana ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u b'sentenza tal-hmistax (15) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) (fol 344) il-Qorti tal-Magistrati kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ghal erba' (4) snin.

Appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u appella minnha. L-aggravju tieghu qieghed imsejjes principalment fuq l-ammont ta' prigunerija illi l-ewwel Qorti imponiet u talab illi minflok il-Qorti tkun tista' timponi perjodu ta'

probation. Argumenta illi huwa trux u mutu u dan jintitolah ghal tnaqqis ta' terz fil-piena. Però hemm l-aspett fiziku u psikologiku li minkejja l-età tieghu l-appellant jirraguna u jagixxi ta' età hafna izghar. Il-PSR tirrakkomanda sentenza sospiza però minhabba sensila ta' hold-ups u sekwestri, tali persuna l-piena tmur oltre dak li tippermetti l-ligi ghal sentenza sospiza. Izda l-ewwel Qorti, jargumenta l-appellant, setghet iddur ghall-probation. L-appellant ma kienx xi kriminal inkallit, ikkopera mal-pulizija u hassu dispjacut ghal dak illi ghamel minhabba nuqqas ta' ghaqal da parti tieghu u piena karcerarja effettiva fil-konfront tal-appellant ma kinitx idonea. Illum l-appellant qieghed maqful Mount Carmel u ma jistax johrog minn hemm.

Ikkunsidrat:

L-argumenti migjuba mill-appellant quddiem din il-Qorti ngabu kollha quddiem l-ewwel Qorti. Din, f'sentenza magisterjali ttrattat l-argumenti kollha tal-appellant u kif waslet ghall-konkluzjoni li kellha tapplika piena ta' erba' (4) snin prigunerija wara li kkunsidrat it-tnaqqis ta' terz ghall-kondizzjoni fizika tal-appellant. Spjegat ukoll il ghaliex ma setghetx taghti sentenza sospiza kif ukoll sentenza ta' probation u ddikjarat illi dak it-terminu karcerarji kien se jkun fil-minimu possibbli li l-ligi kienet tikkoncedi lill-Qorti. Dan ghamlitu ghax il-Qorti deherilha illi minkejja l-agir tal-appellant dana kien xi ftit menomat bil-kondizzjoni fizika tieghu. Il-Qorti accettat dan il-fatt u kkalkulat il-piena skont il-mimimu possibbli illi setghet timponi.

Din il-Qorti ma tarax kif tista' ticcensura l-argumenti u l-kalkoli li ghamlet l-ewwel Qorti illi setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. F'dan il-kaz il-Qorti ma tiddisturbax dan l-apprezzament u konkluzjoni illi ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u li tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------